# KUNSILL LOKALI SAN GILJAN

## MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Ġiljan**

**Laqgħa Nru. 54/K9/23**

Data tal-laqgħa: 30 ta' Mejju 2023

Il-Kunsill Lokali San Ġiljan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Forrest, San Ġiljan fl-5.00 ta' filgħaxija.

**Preżenti:**

Guido Dalli – Sindku
Martin John Sultana - Kunsillier
Patricia Camilleri – Kunsilliera
John Agius – Kunsillier
Sean Gauci - Kunsiller
Rita Dimech Portelli -Kunsilliera
Victor Vella – Kunsillier

**Assenti b'Apoloġiji (Skont Ordni Permanenti 14A (0) – (2)**

**Assenti:** (2) Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula (Inc no. 41810/23)
Il-Kunsillier Adrian Domenic Ellul (Inc no.41734/23)

**Uffiċjali Preżenti**

Cher Carmen Fenech – Deputat Segretarju Eżekuttiv
Marthese Grech – Skrivana
Daniel Galea - Accountant

Preżenza tal-pubbliku – (0)

**Minuti**

**Talba**

Inqrat it-Talba

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

**54.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

54.1.01 Il-Viċi Sindku Clayton Luke Mula u l-Kunsillier Adrian Domenic Ellul talbu li jiġu skużati għal waqt il-laqgħa tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

54.1.02 Saret sospensjoni ta' l-aġenda sabiex item 54.5 – Financial Statements 2021 jiġi diskuss qabel l-items l-oħra.

**54.5 Audited Financial Statements 2021;**

54.5.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Audited Financial Statements 2021 għal-attenzjoni tal-Kunsill.

54.5.02 L-Accountant spjega li fuq natura rekurrenti (dħul u ħruġ - spejjez ta' kuljum u proġetti kapitli mhux inklużi) sar profit ta' €72,498. Filwaqt jekk tikkunsidra kollox, inkluż il-proġetti kapitali, is-sena 2021 ingħalqet b'dejn ta' €350,000.
L-awdituri tawna lista ta' aġġustamenti u dawn ġew aġġustati kif mitlub. Mhux inklużi ma' l-ammont msemmi huma l-ispejjez tal-Perit fir-rigward is-*site plan* tal-proposed Community Hall li tammonta 'l fuq minn €80,000. Allura d-dejn ser ikun qed jiżdied għal €430,000 zguri.
Il-proġetti kapitali ammontaw mad-€900,000. Nġabru lura €600,000. Id-differenza ta' €300,000 ħarġu mill-fondi tal-Kunsill.
Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali jesiġi li jekk ikollna inqas minn 10% riservi jibda jiġi ssikkat iċ-ċinturin.
Il-Kunsillera staqsew x'jista jsir biex innaqqsu dan d-dejn. L-Accoutant wieġeb li iridu jitnaqqsu l-proġetti kapitali u nitolbu l-għajnuna lil għaqdiet governattivi.

54.5.03 Il-Kunsill approva l-Audited Financial Statements 2021.

**54.2 Approvazzjoni tal-Minuti**

54.2.01 Iċ-Ċermen ressaq il-Minuti 53/K9/23 għall-approvazzjoni.

54.2.02 Il-Kunsillier John Agius irrimarka biex fejn tissemma il-kelma terrapiena inżidu li fi Triq il-Mensija (53.7.13)

54.2.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli pproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

54.2.04 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondaha.

54.2.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

**54.3 Kommunizzjoni miċ-Ċermen**

Iċ-Ċermen tkellem dwar:

54.3.01 Id-Delegazzjoni ta' l-Estonia - Dawn kienu hawn Malta kif ġie diskuss fil-minuti preċedenti fejn iċ-Ċermen flimkien mad-Deputat Segretarja Eżekuttiv, dawwruhom ma' Malta u Għawdex u fl-istess waqt Iddiskutew x'jista' jsir bejnhom u bejn il-Kunsill. Iċ-Ċermen staqsa lill-bqija tal-Kunsilliera jekk jikkunsidrawx jagħmlu twinning magħhom. Il-Kunsillier Sean Gauci qal li minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja aħjar le. Is-Sindku qal li nistgħu nagħmlu twinning imma ma jsirx safar. Qal ukoll li minħabba s-sitwazzjoni ma jixtieqx jidher ikrah. Fl-aħħar kulħadd qabel li jsir twinning.

54.3.2 Ġnien Spinola – Kien maħsub li fil-fond tal-UDF (Urban Development Funds) kien hemm ħames miljuni meta fil-fatt kien hemm 3.7 miljuni. Dawn il-fondi ma jidħlux direttament fil-fondi tal-Kunsill u apparti hekk il-Gvern għandu dritt jużahom hu jekk il-Kunsill ma jagħmilx użu minnhom. Għalhekk iċ-Ċermen talab xi stimi lill-NGOs biex jekk possibli jibbenifikaw huma minnhom.

54.3.3 Triq Charles Sciberras – preżentament għaddej ix-xogħol f'din it-triq. It-tarmac għandu jkun lest sa nofs Ġunju. Id-dawl ser jiġi jiswa madwar €12,000 allura ser ikun qiegħed jinfetaħ *tender* u napplikaw ma' l-enemalta.

54.3.4 Sqaq is-Siġra – għaddejjin ix-xogħolijiet mill-entitajiet bħal telekomunikazzjoni, dawl u ilma. It-tarmac isir wara dawn ix-xogħolijiet bit-tama li ma ddumx ma titlesta.

54.3.5 Telgħet Birkirkara – l-bankini mhux ser jintmessu u qed isir pressure biex sakemm titlesta il-biċċa t'isfel jinħareġ il-permess biex issir il-biċċa ta' fuq bejn l-SMS u Ta' Ġiorni Wolves. Il-bankini ta' bejniethom suppost hemm ftehim li jsiru mill-propjetarju tad-dar ta' l-anzjani li qed titlesta.

54.3.6 Ġnien Saver Zarb – ix-xogħol bħalissa jinsab wieqaf. Iċ-Ċermen qal li saru xi laqgħat ma' l-avukat biex nippruvaw li x-xogħol jitkompla mill-kuntrattur preżenti.

54.3.7 Promenade hedge – kif kien ġie diskuss u maqbul, ix-xogħol mill-ecabs bl-għajnuna ta' l-MTA (Malta Tourism Authority) beda. L-ispiza ser tkun qed tigi mħallsa nofsha mill-ECABS u l-bqija maqsum bejn l-MTA u l-TZRA (Tourism Zones Regeneration Agency). Minħabba li irid isir żbir tas-siġar ser ikun hemm Pulizija jidderiġi t-traffiku.

54.3.8 Il-Klinka – il-Ħamis ser issir laqgħa bejn iċ-Ċermen is-Sur Guido Dalli, il-Kapillan Fr. Paul Mizzi, is-Sinjura Roseann Camilleri tal-Primary Health Care u l-project manager fil-kurja, s-Sur Buontempo.

54.3.9 *Escooters* – kien hemm xi *'link'* rigward *'spots'* li ġew issuġeriti fejn jiġu pparkjati l-escooters li l-Kunsilliera kellhom jaraw imma din ma setgħetx tinfetaħ, Iċ-Ċermen flimkien mal-Kunsilliera wara li tinfetah 'il-link' ser ikunu qed jiltaqgħu biex jaraw jaqblux.

54.3.10 Il-Kunsillier Martin John Sultana wasal fis-5.45p.m.

54.3.11 Grawnd Ta' Ġiorni - fil-laqgħa preċedenti kien ġie diskuss biex isiru xi aġġustamenti fid-dressing rooms. Iċ-Ċermen qal li l-Kunsillier Adrian Dominic Ellul jixtieq jiltaqa' mal-Ministru Clifton Grima u l-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.
Iċ-Ċermen u id-Deputat Segretarju Ezekuttiv kienu iltaqgħu mal-Ministru Zrinzo fejn kien offra l-għajnuna tal-perit tal-gvern biex niffrankaw l-ispejjez tal-perit tal-kunsill. Il-Kunsill qabel li jekk ikun hemm il-bżonn nużaw is-servizz ta' dan il-Perit.
Fir-rigward min ser ikun qed jieħu ħsieb dan il-grawnd ser tkun qed tiġi diskussa wara li jiġi l-Perit.

54.3.12 Ungerija – il-persuna inkarigata mid-delegazzjoni ċemplet liċ-Ċermen biex terġa tistieden lill-4 membri mill-Kunsill imma wara ħames snin wasal il-waqt li aħna nistednuwhom. Dan l-aħjar li jsir bejn Settembru u Ottubru.

54.3.13 Telephone box - fir-rigward l-applikazzjoni għall-iskema li kienet saret sabiex t-telephone box li hemm ġewwa l-Balluta tinqaleb f'librerija dik kellha tiġi kkanċellata minħabba li kien ser ikun hemm ħafna spejjeż. Ser tkun qed tintbagħat ittra lis-Sur Neville Galea l-persuna fuq l-iskemi li din ser tiġi rtirata minħabba r-raġun msemmija hawn fuq.

54.3.14 Iċ-Ċermen ltaqa' mas-Sur Joe Zammit fejn hu ippropona proġett għal Park & Ride ħdejn il-Magħtab, Naxxar. Iċ-Ċermen issuġġerixxa li għandna niktbu email lill-Ministeru tat-Transport fejn ngħidulhom li dan huwa proġett interessanti u li jkun ta' ġid għal-lokalitajiet tal-madwar inkluż San Ġiljan.

## 54.4 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

54.4.01 Il-Kunsillier John Agius issuġġerixxa biex fejn Ġnien Ross il-frames ta' l-advertising barriers li mhux qegħdin hemm jitneħħew.

Qal ukoll li fejn hemm il-plakek tal-Ministri fejn il-monument tal-LOVE huma mitfijin.

54.4.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana staqsa fiex waslet l-applikazzjoni tal-lights ħdejn l-Independent kif ukoll l-linji ta' l-art. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ser tkun qed tiċċekja dan u tinfurmah. Staqsa ukoll dwar il-linji li kienu ssuġġeriti fi Triq Mikelanġ Borg kantuniera ma' Triq il-Baltiku. Dawn ġew approvati imma għad iridu jsiru.

54.4.03 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli qajjmet il-punt biex jitnaddaf taħt l-islabs u jissewwew dawk li hemm mkissrin fejn Taraġ Attard Kingswell.

54.4.04 Il-Kunsillier Victor Vella qal li ħdejn il-lukanda Mariott, fi Triq Alfred Gauci ma hemmx dawl. Jissuġġerixxi biex isir xi tip ta' dawl. Iċċekja ukoll mal-Planning Authority dwar xi xogħolijiet kbar li għaddejjin ġewwa San Giljan u qajjmet naqra kurżita Villa Ignatius ħdejn Triq il-Karmelitani. Skond iċ-Ċermen ix-xogħol hemmhekk huwa wieqaf.

**54.6 Diskussjoni dwar l-E-Scooters;**

54.06.01 Dawn ġew diskussi fil-komunikazzjoni miċ-ċermen.

**54.7 Talba għall-Ingaġġ ta' Skrivana Full-Time;**

54.7.01 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-iskrivani Mandy Zammit, li kienet fuq 'career break', u Marthese Grech taw r-riżenja tagħhom. Il-Kunsill qabel unanimament u għalhekk qed jitlob li jibda l-proċess sabiex tinħareg sejħa għal skrivana Full-Time. Iċ-ċermen irringrazzja lil dawn l-iskrivani tas-servizz tagħhom u jawguralhom kull success.

54.7.02 Iċ-Ċermen xtaqt jinforma lill-Kunsill li s-Sinjorina Cher Carmen Fenech li kienet qed isservi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv tat ir-riżenja tagħha minn din il-kariga u terġa lura fil-kariga preċendenti tagħha bħala Assistant Principal. Minn mindu kien infurmat iċ-Ċermen beda jfittex Segretarju Eżekuttiv ieħor imma dan ma kien faċli xejn. Ghaldaqstant ġie issuġġeriet bħala Aġent Segretarju fuq bażi part-time is-Sinjur Malcolm Agius Muscat li preżentament qiegħed isservi bħala Segretarju Eżekuttiv il-Floriana. Wara diskussjoni qasira il-kunsill qabel unanimament u li dan jibda b'effett mill-1 ta' Ġunju 2023.

54.7.03 Inqraw l-ittri ta' dawn it-tlett haddiema.

54.7.04 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli u l-Kunsillier Victor Vella talbu jekk tistax issir riċerka dwar jekk jistgħux itellgħu skala lill-iskrivani għax tajbin, bħala inċentiv jew jekk jistax isir xi ħaġa oħra biex jibqgħu. Dan għaliex bħala Kunsill San Ġiljan il-proċedura hija li l-iskrivani jitilgħu *'notches'* u/jew *'scales'* kull sena *'by seniority'.*

**54.8 Talbiet żgħar**

**54.8.01 Korrispondenza dwar skemi għall-Kunsilli Lokali 2023 – It-Tieni Parti (Inc. 40147/23)**

54.8.01.01 Skema 4/2023 – ser ikun qed tisejjaħ laqgħa mas-Surġenta Gabria Gatt ta' San Ġiljan rigward il-cameras tas-sigurta.
Skema 5/2023 – din ser ikun qiegħed joħodha f'idejħ is-Sindku flimkien mas-Segretarju.

**54.8.02 Korrispondenza dwar isem ġdid għal parti minn Triq is-Sorijiet u Triq Sir Joseph Carbone (Inc. 40889/23);**

54.8.02.01 Iċ-Ċermen issuġġerixxa lill-Kunsilliera biex fi żmien ġimgħa jagħtu idejat ta' xi ismijiet.

**54.8.03 Email dwar il-pubblikazzjoni Annwali Lapsi (Inc. 41116/23);**

54.8.03.01 Ġie deċiż unanimament li ntuhom €250.00.

54.8.03.02 Il-Kunsillier Martin John Sultana u John Agius ġew skużati fis-6.40p.m.

**54.8.04 Riżenja minn Deputat Segretarju Eżekuttiv (Inc. 41176/23);**

54.8.04.01 Din ġiet diskussa iktar 'il fuq.

**54.8.05 Email dwar il-bdil tat-traffiku fi Triq Nicholas Monsarrat u l-problema ta' rotta numru 110 (Inc. 41574/23);**

54.8.05.01 Il-Kunsill iddeċieda li nwieġbu lis-Sinjur li filwaqt li nirringrazzjawh din ser tkun qed tiġi revalwata, li ħadd ma jehded lill-Kunsill, li flus fil-but ħadd ma jdaħħal u jekk għandu xi provi ta' korruzzjoni jmur għand il-Pulizija.

**54.8.06 Korrispondenza dwar ħarġa tal-Grupp Ħbiberija (Inc. 41587/23);**

54.8.06.01 Wara diskussjoni qasira ġie deċiż li nħallsu għat-trasport bħal ma dejjem sar.

**54.8.07 Email dwar Attivitajiet Sportivi li jridu jinżammu taħt it-titlu – Reġjun Ewropew tal-Isport 2023 (Inc. 41719/23);**

54.8.07.01 Ġie deċiż li l-ewwel skema fejn qed jiġu allokati €3,000 jintużaw għal attivita sportiva fosthom il-Ġostra li ser issir fit-12 ta' Awwissu. L-ammont ta' €13,000 li ġew allokati għat-tieni skema li iridu jintużaw għal proġetti kulturali, sports, mużika, Jum il-Lokal jew baned ser ikunu qed jingħataw għal-ispejjez żejda li jaqbżu €3,000 fl-ewwel skema, parti ser tingħata lill-kor ta' San Ġiljan (Ara Inc no. 41741/23 ittra minghand Ronnie Galea), u jekk jibqa xi fondi ser jingħataw lit-tlett baned ġewwa San Ġiljan.
Mit-tielet skema il-Kunsill ser ikun qed jibbenefika €35,000 biex jintużaw għal proġetti ta' titjieb fil-lokalita'. Dawn ser jintużaw biex jinxtraw *bins* taż-żibel kif ukoll dawk tal-klieb, isir dawl ġdid f'xi toroq fil-lokalita', kif ukoll għal xi tabelli u linji ta' l-art.
Filwaqt li l-ammont li nistgħu nibbenifikaw taħt ir-raba' skema huwa ta €3,000 li jistgħu jintużaw għal xiri jew kiri ta' tiżjin tal-Milied. Il-Kunsill ser ikun qed juża dawn biex jitnaqqsu mill-ispiża tat-tender tal-Milied.

54.8.07.02 L-attivita' tal-Basketball li kellha ssir fl-10 ta' Ġunju 2023 kif ukoll it-tournament tal-billiard dawn ġew ikkanċelati.

**54.8.08 Talba ghal *Joint Choral Concert* mal-Kor Nazzjonali tal-Universita ta' Ireland (Inc. 41741/23);**

54.8.08.01 Din ser tkun qed tiġi diskussa u sal-laqgħa li jmiss trid tittieħed deċiżjoni.

**54.8.09 Talba sabiex jigi organizzat Gin Festival f'Xatt is-Sajjieda (Inc. 41719/23 & 41760/23);**

54.8.09.01 Ġie deċiż li qabel isir laqgħa. Ma' kull attivita' irid ikun hemm xi kundizzjonijiet bħal – li tinżamm mużika baxxa fil-background, ma jsirux palks li jgħattu l-veduta, isir kollox skond l-permessi, iżommu nadif u jġibu l-mobile toilets.

**54.8.10 Email dwar Triq Nicholas Monsarrat No Entry (Inc. 41138/23/2023)**

54.8.10.01 Din ser tkun qed tigi diskussa u ser terġa titella fil-laqgħa li jmiss sabiex titieħed deċiżjoni.

**54.8.11 Email dwar ilment (Inc. 41570/23)**

54.8.11.01 Il-klijent ser jiġi nfurmat li ġewwa San Ġiljan m'għandniex grawnd tal-futbol u l-unika wieħed li hemm ġewwa ta' Ta' Ġiorni huwa fi stat ħażin.

**54.8.12 Email dwar Problema ta' skart (Inc. 41526/23)**

54.8.12.01 Ġie deċiż li tintbagħat l-ittra li rċivejna lill-Onor. Alison Zerafa Civelli, Dipartiment tal-Gvern Lokali, t-Tourism Zones Regeneration Agency u l-Malta Tourism Autority.

**54.8.13 Korrispondenza dwar il-vjaġġ ta' Bolsena. (Inc. 41954/23)**

54.8.13.01 Iċ-Ċermen talab li peress li ħa jitla' jirrappreżenta lill-San Ġiljan, il-vjaġġ jitħallas mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

**54.9 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets;**

53.9.01 Il-Kunsill ġie ppreżentat bil-Purchase Request Sheets minn Nru. 5941 sa 5976. (Ara Appendiċi 'A')

54.9.02 Il-Kunsill qabel unanimament mal-approvazzjoni tal-imsemmija Purchase Request Sheets.

**54.10 Skeda tal-Pagamenti**

54.10.01 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressqet il-pagamenti tal-kontijiet u ppropona l-approvazzjoni tagħhom. (Ara Appendiċi 'B')

/

54.10.02 Il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli ipproponiet l-approvazzjoni tagħhom.

54.10.03 Il-Kunsillier Victor Vella ssekondaħ fl-approvazzjoni.

**54.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**.

54.11.01 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal-laqgħa nhar 27 ta' Ġunju 2023 fil-5.00p.m.

54.11.02 Il-laqgħa ntemmet fit-tmienja neqsin għaxra ta' filgħaxija (7.50pm)

**Guido Dalli**
**Ċermen**

**Cher Carmen Fenech**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

**Data:** 27 ta' Ġunju 2023